Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 837/2012

tat-18 ta' Settembru 2012

dwar l-awtorizzazzjoni ta' 6-fitaži (nru tal-KE 3.1.3.26) prodotta mill-*Aspergillus oryzae* (DSM 22594) bħala addittiv fl-ikel tat-tjur, tal-ħnienes miftuma, tal-ħnieżer għat-tismin u tal-ħnieżer nisa (id-dententur tal-awtorizzazzjoni huwa DSM Nutritional Products)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 252, 19.9.2012, p. 7)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1265/2012 tas-17 ta' Diċembru 2012	L 356	61	22.12.2012
►M2	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1881 tal-24 ta' Ottubru 2016	L 289	15	25.10.2016

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 837/2012

tat-18 ta' Settembru 2012

dwar l-awtorizzazzjoni ta' 6-fitaża (nru tal-KE 3.1.3.26) prodotta mill-*Aspergillus oryzae* (DSM 22594) bħala addittiv fl-ikel tat-tjur, tal-ħnienes miftuma, tal-ħnieżer għat-tismin u tal-ħnieżer nisa (id-dententur tal-awtorizzazzjoni huwa DSM Nutritional Products)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

Artikolu 1

Il-preparazzjoni speċifikata fl-Anness, li tifforma parti mill-kategorija "addittivi żootekniċi" u mill-grupp funzjonali "sustanzi li jtejbu d-diġestibbiltà", hija awtorizzata bħala addittiv fin-nutriment tal-annimali, dejjem skont il-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼M2

ANNESS

In-numru tal-identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	L-addittiv	Il-kompożizzjoni, il-formula kimika, id-deskrizzjoni, il-metodu analitiku	L-ispeċi jew il-kategorija tal-annimal	L-età massima	Il-kontenut minimu	Il-kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
						L-unitajiet ta' attività/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %			
Il-kategorija tal-addittivi żootekniċi. Il-grupp funzjonali: Is-sustanzi li jtejbu d-diġestibbiltà.									
4a18	DSM Nutritional Products Ltd	Is-6-fitaži (EC 3.1.3.26)	*Il-kompożizzjoni tal-addittiv* Preparazzjoni tas-6-fitaži (EC 3.1.3.26) prodotta mill-*Aspergillus oryzae* (DSM 22594) b'attività minima ta': 10 000 FYT ([1])/g f'għamla solida 20 000 FYT/g f'għamla likwida *Il-karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva* Is-6-fitaži (EC 3.1.3.26) prodotta mill-*Aspergillus oryzae* (DSM 22594) *Il-Metodu analitiku* ([2]) Għal kwantifikazzjoni tas-6-fitaži fl-għalf: Metodu kolorimetriku li jkejjel il-fosfat inorganiku rilaxxat bis-6-fitaži mill-fitat (ISO 30024:2009)	It-tjur Il-ħnieżer għat-tismin Il-ħnienes (miftuma)	—	500 FYT	—	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlita lesta minn qabel, indika t-temperatura tal-ħażna, iż-żmien tal-ħażna u l-istabbiltà waqt il-proċess ta' tgerbib. 2. Doża rakkomandata għall kull kilogramma ta' għalf sħiħ: — it-tjur, il-ħnienes (miftuma) u l-ħnieżer għas-simna: 500-4 000 FYT; — il-ħnieżer nisa: 500-4 000 FYT. 3. Għall-użu f'għalf li fih aktar minn 0,23 % ta' fosforu marbut mal-fitin. 4. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet imħejjija minn qabel, l-operaturi ta' negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu l-proċeduri operattivi u l-miżuri organizzattivi sabiex jindirizzaw ir-riskji li jistgħu jinqalgħu mill-użu tiegħu. Meta dawk ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew imnaqqsa kważi għal kollox bi proċeduri u miżuri normali, għandu jintuża t-tagħmir ta' protezzjoni personali adattat.	Id-9 ta' Ottubru 2022
				Il-ħnieżer nisa		500 FYT			

▼M2

In-numru tal-identifikazzjoni tal-additttiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	L-additttiv	Il-kompożizzjoni, il-formula kimika, id-deskrizzjoni, il-metodu analitiku	L-ispeċi jew il-kategorija tal-annimal	L-età massima	Il-kontenut minimu	Il-kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
						L-unitajiet ta' attività/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %			
								5. Għall-użu fil-każ ta' ħnienes miftuma b'piż ta' mhux aktar minn 35 kg	

([1]) 1 FYT huwa l-ammont ta' enżim li jirrilaxxa 1 μmol kull minuta ta' fosfat mhux organiku mill-fitat f'kundizzjonijiet ta' reazzjoni b'konċentrazzjoni ta' fitat ta' 5,0 mM b'pH ta' 5,5 u 37 °C.
([2]) Id-dettalji tal-metodi analitiċi jinsabu fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: http://irmm.jrc.ec.europa.eu/EURLs/EURL_feed_additives/Pages/index.aspx